# FETAH IL-MUŻEW TAL-FOLKLOR

Fl-ahhar ghandna l-pjacir li ninfurmaw lil-qarreja, li il-Muzew Nazzjonali tal-Folklor Fetah fil-Palazz ta' L-Inkwizitur, il-Birgu. L-Ghaqda taghna kienet ilha zmien taghmel kuntatti u sforzi biex dan isehh. Lista ta' xi hidmiet li ghamlet l-Ghaqda jidhru fl-Imnara No2, Awwissu 1979, pag.63 u 64. Fl-istess Mnara hemm ukoll Proposti li ghamilna ahna lid-Direttur tal-Muzewijiet, dwak kif jidhrilna li ghandu jigi mqassam il-Muzew propost, u tajna diversi al ternattivi, skond ic-cirkosta-nzi. Meta fetah, dan il-Muzew, infetah fuq l-ewwel alternatt-iva "A", billi kellu jiftah malajr, jigifieri li ghal-issa l-ezibiti huma migbura ghal-wiri, u ftit ftit, isir xoghol iehor biex tissawwar sistema ohra ta' klassifikazzjoni. Kienuiilhom isiru tiswijiet u restawr fil-palazz, u wkoll fir-Rapporti tad-Dipartiment tal-Muzewijiet, ta' April 1977-Awwissu 1978, gejna nfurmati li il-muzew kellu jiftah malli jispiccaw dawn ir-restawri. Sa danit-tant ahna kellna diversi laqghat mad-Direttur is-Sur F.X. Mallia, li rtira fil-bidu tas-sena 1981, u mbaghad ma' Fr.Marius Zerafa li lahaq minn floku, matul l-1981. Il-kumitat mar diversi drabi fil-palazz biex jara u jiddiskuti, u is-segretarju mar bosta drabi ohra biex jaghmel ismijiet u listi ta' l-ezibiti, biex dawn ikollhom xi ftit informazzjoni fuqhom malli jiftah. Matul Novembru il-materjal kollu gie mnaddaf, xoghol ta' njam tlesta ghal-bosta

minnhom, u ngabu xi vetrini li setghu, ghax ghalissa ghad m'hemmx minnhom biz-zejjed biex jintwerew oggetti ckejkna u importanti ohrajn. Ittiehdu hemmekk ukoll xi oggetti li gew moghtijin mill-membri tal-kumitat, u is-segretarju, minbarra li ghamel donazzjonijiet ta' xi oggetti, silef ghoxrin inkwatru taz-zejt dwar aspetti folkloristici ta' Malta, li pinga huwa stess fuq stil ta' arti popolari, biex jaqblu malpost. Ghal-ewwel il-muzew kellu jiftah f'Novembru, izda keinhemm hafna xoghol xi jsir, u id-data tal-ftugh baqghet incerta. Fl-4 ta' Dicembru 1981, is-segretarju rcieva invit ghall-ftugh ufficjali li kellu jsir l-ghada stess filghodu, 5 ta' Dicembru, ghax ma kienx baqa' zmien aktar; huwa bilkemm kellu hin u mezzi biex javza lill-membri tal-kumitat kollha biex ikunu prezenti, ghax ra l-invit wara' x-xoghol, u l-ghada kellu x-xoghol ukoll. Rapprezentanza tal-kumitat kienet prezenti ghad-diskors tal-Onorevoli Ministru tal-Kultura, is-Sinjorina Agata Barabara, li l-ewwel ma irringrazzjat kienet lill-Ghaqda taghna ghax-xoghol u ko-operazzjoni taghha. Is-segretarju ukoll dawwar lill-Onor.Ministru fuq il-post biex jikkummenta u jispjega dwar l-ezibiti. Il-ftugh gie irrappurtat fuq it-TV, u il-gazzetti (ara e.g.The Times 7-12-81). Issa dan il-Muzew Nazzjonali tal-Folklor huwa iehor miftugh ghall-pubbliku, u wiehed jispera li min jista' jaghti donazzjonijiet ta' oggetti biex tikber il-kollezzjoni. Issa hawn ser naghtu lista ta' oggetti li nghataw donazzjoni mill-membri tal-Kumitat

tal-Ghaqda tal-Folklor, u mislufin ghall-wiri. Qed nipprovdu wkoll hames 'plates' b'kopji ta' ritratti ta' l-oggetti li nsemmu.

Plate 1. Oggetti moghtijin b'donazzjoni lill-Muzew tal-Folklor.

1. pupa antika, donazzjoni M.Rose Pisani,Valletta,
2. Satla (scoop) don.Dr. C.Cassar,M.D.,Valletta
3. Bott tac-ceramika,antik,bl-ghatu, don.Dr V M.Pellegrini,LL.D.
4. Kebbieba ghal marelli tat-tajjar, ta' l-injam, bil-morsa. Dr.V.M.Pellegrini,M.D.
5. Rukkell ghar-raddiena tat-tajjar;don.Dr.V.M.Pellegrini.
6. Kaxxa tat-terra, intarzjata bil-madreperla;don.Dr.C.Cassar.
7. Skrittojo, kaxxa tinfetah ghall-kitba tan-nutara, intarzjata;don.Dr.C.Cassar,M.D.
8. L-iste ss Nru.7, miftuha,bil-klamar;
9. Hadida biex taqbad il-faham, tmur man-Nru 10;don.Dr.C.Cassar.
10. Kenur tal-fuhhar, restawrat minn Dr.Cassar,don.Miss M.Rose Pisani.
11. Xugatura,injam iswed.don.Dr.C.Cassar.

(Ara aktar fi Plate 5, "X" u "Y")

Plate 2 Oggetti moghtijin donazzjoni lill-Muzew tal-Folklor Mis-Sur Guido Lanfranco(Sliema)

1. Lampa tal-pitrolju taz-zingu li kienet tintuza fil fanali tat-toroq.
2. Flixkun tal-ginger beer antik, jinghalaq bil-bocca tal-hgieg, embossed " John & Brother" "Malta";trade mark id izzomm ballun.
3. Aerated Water jew Mineral Water (flixkun tas-selz) etched "Vincent Bonny,93D, Strada Vescovo Valletta Malta",bis-siohon.
4. Cuqlajta tal-Gimgha l-Kbira fuq l-istand, migbura min ghand Joe Bonnici,Zejtun.(60 X 75cm)
5. Habbata tal-hadid, imzejna bi scroll/foliage motif.
6. Kejla lokali ghall-qamh,gwiez,melh,bis-sigill ufficjali.(16cm h)
7. Masklu tal-hadid, lokali, qabel kien jintuza fil-festi.
8. Cana tal-injam tal-1920's
9. Vazett tal-ginger, fuhhar,glaze griz,imported.

10. Tongs jew imqass tax-xaghar, antik.
11. Hadida tal-moghdija ta' qabel il-gwerra; 4 libbri
12. Injam biex tghaddi u tippressa ic-coff jew inkravata.
13. Pipa tal-gibs(1920's)
14. Inkwatru tipiku minn dar antika go villagg;(ta' Bolpej)
15. Spritiera ckejkna tar-ramm abjad, bil-labra maghha; biex tqabbadha trid issahhan il-pitrolju fil-pipe imdawwar.
16. Qolla lokali, ghan-nahal; fuhhar;(c 45 X 25cm)
17. Zieda ghall-qolla ta' Nru.16, tizdied wara l-qolla.
18. sa 23, sett ta' 33 pasturi tipici Maltin, ta' stil irhis(Plate 5)

Plate 3 Tpingijiet taz-zejt, dwar aspetti tal-folklore lokali, impingijin u mislufin lill-Muzew tal-Folklor, mis-Sur Guido Lanfranco bil-gwarnic,(c.38 X 47 cm)

1. Tberik tad-djar
2. Hgejjeg ta' San Gwann
3. Tal-mithna bil-bronja
4. Strina u l-ewwel tas-sena
5. Il-passju
6. Fratellanza tas-Sagrament(Korpus)
7. Li jsinn, ecc.
8. Qarinza fl-ewwel tas-sena

Plate 4 (ikomplu minn plate 3)

9. Tal-hobz;l-ghajn tal-ilma,ecc.
10. Newwieha f'dar il-mejjet
11. Newwieha fil-kamra tal-mejjet.
12. Tbahhir fid-dar.
13. Il-Gilwa tat-tieg.
14. Il-Bandli taLapsi.
15. Il-Landier; Kastelli, etc..
16. Xoghol tal-qfief.

Plate 5 (ikompli minn plate 4)

17. Rozarjant jigbor ghall-ikkundannati ghal-mewt.
18. Il-Quccija
19. Il-Gostra fuq il-bahar.
20. Ballata tal-bejt.

(il-grupp pasturi 18-21 ga issemma' ma' plate 2)

X. u Y. Soprakuxxini(ghall-fuq l-imhadda) irrakkmati. jidhru tnejn mit-tlieta li Dr.V.M.Pellegrini ta donazzjoni lill-Muzew.

-----oOo-----

PLATE I



PLATE 2



PLATE 3



PLATE 4

9



10



11



12



13



14



15



16



PLATE 5



17



18

19



20





18



19



X



20



21



Y





22

23

(PHOTOS
G. LANFRANCO